# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 25**

**Avviz numru 490/99/SM**

**Jimmy Vella Limited**

**vs**

**C&F Construction Limited u b'digriet tas-6 ta' Mejju, 1999 isem is-socjeta' konvenuta korretta ghall-C & F Building Construction Limited u b'digriet tas-7 ta' Dicembru, 2000 isem is-socjeta' konvenuta korretta ghall-C & F Building Contractors Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u tmenin liri Maltin (LM684.00,0), rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut ghal xogholijiet ta' tqattiegh ta' blat u thammil, liema xogholijiet saru fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;**

2. **Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni, u bl-imghax legali;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 t'April ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Preliminarjament illi l-isem tas-socjeta' konvenuta mhux dak indikat fl-avviz izda "C & F Building Contractors Limited" u ghalhekk trid issir il-korrezzjoni relattiva;**

2. **Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni illi l-azzjoni kkontemplata mis-socejta' attrici hija preskritta u dana ai termini ta' l-Artikolu 2148 u 2149 tal-Kodici Civili;**

3. **Minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet u fil-mertu billi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta' konvenuta m'ghandha tati xejn lil dik attrici;**

4. **Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Rat id-digrieti taghha datati s-6 ta' Mejju ta' l-1999 u s-7 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz taghhom laqghet it-talbiet attrici ghall-korrezzjoni minnha mitluba;**

**Tinnota li s-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata bl-avviz kif korrett fl-10 ta' Jannar tas-sena 2001;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi l-ammont minnha indikat fl-avviz odjern mis-socjeta' konvenuta;**

2. **Illi dan l-ammont hu pretiz bhala bilanc ghal xoghol ta' tqattieh ta' blat u thammil li sar fuq talba tas-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi pero' jirrizulta li x-xoghol involut kien sar mis-socjeta' konvenuta u kien gie konkluz ghall-ahhar ta' l-1994;**

**Illi x-xoghol jirrizulta li sar bir-rata mifthema bejn il-partijiet involuti fis-7 ta' Frar ta' l-1994 ta' lira Maltija u hamsa u tletin centezmu, (LM1.35,0), il-metru kubu, fejn l-ammont globali ta' l-istess kien jammonta ghal erbat elef, disa' mija u hamsa u sittin Lira Maltin, (LM4,965.00,0);**

**Illi s-socjeta' konvenuta tallega li hallset lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), ghal dan ix-xoghol;**

**Illi ghalhekk tirrespingi l-allegazzjonijiet attrici stante li l-ammont minnha pretiz gia' hu abbundantement saldat;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet preliminarjament il-preskrizzjoni biennali ai termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kap 16 u l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (18) ai termini ta' l-artikolu 2148 ta' l-istess Kap;**

**Illi f'dan ir-rigward gie stabbilit is-segwenti:**

**a. Ix-xogholijiet in dizamina gew konkluzi f'Dicembru ta' l-1994;**

**b. L-avviz odjern gie intavolat fir-registru regolarment fl-10 ta' Jannar tas-sena 2001;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost u tal-fatt li s-socjeta' attrici naqset li tipproduci xi forma ta' prova li permezz taghha setghet b'xi mod issostni li interrompiet il-preskrizzjoni, huwa pacifiku li t-talba attrici hi preskritta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li in vista tas-suespost tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**